MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2009

Talba Numru. 378/2009

**Dott. Kris Borg (I.D. 10768M) mandatarju specjali tal-assenti Malcolm Micallef u Rudy Micallef**

**vs**

**Ramona Wilcox**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenuta l-hlas tas-somma ta' elfejn, erba' mija u wiehed u hamsin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€2,451.52), rapprezentanti :

(i) in kwantu ghal elfejn, mitejn u zewg Euro (€2,202) kera arretrata tal-fond Flat 3, Waldor Flats, St. Simon Street, Bugibba, kif jirrizulta mill-kuntratt datat 1 ta' Frar, 2008, u liema kera ammontanti ghal seba' mija u erbgha u tletin Euro (€734) kull tlett (3) xhur bil-quddiem ilha ma tithallas mill-iskadenza ta' Settembru, 2008; u

(ii) in kwantu ghal mitejn u disgha u erbghin Euro u tnejn u hamsin centrezmi (€249.52), rappresentanti spejjez arretrati ta' *utility services* li saru waqt l-okkupazzjoni tal-konvenuta u li baghqu mhux imhallsa.

Illi l-konvenuta giet debitament interpellata thallas dan l-ammont izda baqghet inadempjenti.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta gie debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenuta thallas is-somma ta' elfejn, erba' mija u wiehed u hamsin Euro u tnejn u hamsin centezmi (€2,451.52), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------